anqas mhu biżżejjed li darba f'ħajtek tkun qbadt f'idejk il-għodda; ix-xogħol u ż-żmien biss jagħmluk imgħallem.

Liema triq jaqbdu l-għorrief Maltin? Inħambqu ħafna fuq il-ħtieġa tal-kultura ġenerali, irrida li ż-żgħażagħ tagħna jitħarrġu tajjeb fiha, bħallikieku ħliefha ma hemmx x'wieħed jitgħallem. Jidhrilna li wieħed li ma jkunx imkisser tajjeb fit-tagħlim ta' l-ilsna u tal-letteraturi ma għandux jibqa' miexi aktar 'il quddiem fit-triq tal-għerf, u għalhekk jiġri li dawk li jogħġbuhom l-ilsna u l-letteraturi aktarx jieqfu fl-ewwel belt u oħrajn li aktar ikunu miġbudin lejn tagħlim ieħor ikunu mfixklin u miżmumin forsi għal dejjem fit-triq tat-tagħlim li jkun aktar għal qalbhom. Min jaf kemm żgħażagħ, miġbudin għax-xjenzi jew tagħlim ieħor għoli ntilfu għal kollox minħabba xi nuqqas fil-letteraturi. Sbieħ l-ilsna u l-letteraturi, sabiħa u meħtieġa l-kultura ġenerali, imma wisq isbaħ il-proporzjon fit-tqsim tat-tagħlim. U aħna, li ma narawx ħlief is-suġġett tagħna, il-proporzjon ma narawhiex. X'jiswa bħala professjonista tabib jew avukat li jkun jaf jikteb poeżiji sbieħ u ma jkunx jinqala' biżżejjed fil-professjoni tiegħu? Ikun jixbah lil raġel b'ras kbira u ġisem żgħir, jew b'ras żgħira u ġisem kbir li flimkien jagħmlu raġel ikraħ.

Fost dawk li jaslu sal-bliet tat-Teoloġija, tal-Liġi jew tal-Mediċina l-kotra l-kbira jieqfu hemm u hemm igħaddu ħajjithom kollha. Iżda x'uħud iridu jitgħallmu dejjem il-ġdid u jibqgħu jimxu dejjem 'il quddiem mal-għerf. Għandna wkoll xi ftit li jaqbdu t-triq ta' l-ispeċjalizzazzjoni, imma dawk li jagħmlu t-tiftix u t-taktir tal-għerf il-ħidma ta' ħajjithom kollha, kemm għandna minnhom?

Din hi t-triq tal-għerf kif naraha jien. Kif imxejt fiha? Kif mexxejt u ridt immexxi l-oħrajn fiha? Biex inwieġeb sewwa, jaħtieġ nitkellem fuqi nnifsi u nikxef il-qalba ta' qalbi, mhux biex niftaħar — il-ftaħir inħallih lil ħaddieħor — imma biex il-ħidma tiegħi tidher kollha kif inhi, bid-dija u d-dell tagħha, kif tfasslet f'moħħi u nħadmet minn idi, biex kliemi jiswa forsi biex ikebbes xrara f'qalb xi ħadd miż-żgħażagħ. Il-bqija għal darb'oħra.

---



## IL-MILIED IT-TAJJEB!

*Lill-Prof. Kav. Ġużè Galea, M.B.E., M.D., D.P.H.*
*u lill-familja tiegħu.*

*Ta'* ĠUŻE' BORG PANTALLERESCO

Li kienu x-xewqat iseħħu
f'dina l-art
ħajja sabiħa rridilkom
taħt Sema tal-kobalt:

qmuħ, dwieli
u frott mill-aktar bnin,
djar bir-rħam miksija
u ħarir fin;
għall-Milied
u s-snin l-oħra kollha li ġejjin:

faraġ tas-Sema
kull fejn tmiddu riġlejkom;
u 'l dawn li tħobbu rridilkom
dejjem ħdejkom:

fix-xewqat tiegħi
m'hemmx dmugħ għalikom,
m'hemmx hemm;
ta' fomm bi kliem ħelu mżejjen
ma ġġarrbux is-semm:

Triqtkom ġonna bin-nwar
minn tarf sa tarf
tapiti taż-żahar.

Nixtiqilkom,
jiem mill-isbaħ
taħt Sema blù bħal kobalt —
li kienu x-xewqat iseħħu
f'dina l-art!